MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 72/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**DOMINIC EBEJER ta’ 47 sena, imwieled il-Marsa nhar il-31.01.1963, residenti fil-fond numru 74, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 79763M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **DOMINIC EBEJER** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta’ Jannar, 2008 ghall-habta tas-2pm fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ laptop computer tal-ghamla Acer komplut bic-charger ghall-valur ta’ izjed minn €233

(Lm100.00), izda mhux izjed minn €2,330 (Lm1,000.00), ghad-detriment ta’ Patrick Spiteri ID 82466M minn Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat fl-istadju ta’ l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat li fis-seduta ta’ nhar id-09.07.2010 l-imputat rega’ kkonferma l-istess ammissjoni;

Rat l-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **DOMINIC EBEJER** hati, u qieghda ghalhekk tikkundannah ghal sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------